**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**PULIZIJA**

**(Spt. Elliot Magro)**

**Vs**

**DARREN BONELLO**

**Illum is-16 ta' Gunju 2022**

Kaz. Nru; 184-84

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Darren Bonello iben Mario u Gaetana nee Zammit imwieled Pieta fl-14 ta' Jannar 1990 u residenti Neptune Court Flat 8, Ras il-Qawra, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 64690(M), akkuzat talli;

1. Fis-7 ta' Awwissu 2020 ghall-habta ta' 16.30hrs jew fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' Qalet Marku, Tul il-Kosta, Naxxar,

ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

2. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata u bl-iskratacc fil-kompartament taghha u barra mill-ghata taghha f'post fejn ma kienx permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur tar-regolament 17 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42.

3. Fl-istess dat, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita' ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat eletriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7(1)(d), L.S. 549.42.

4. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg. 7(2), L.S. 549.42.

5. B'hekk irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag. Dr. A.J. Vella LL.D. bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll illi f'kaz ta' htija barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lix-xhieda jiddeponu

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet:

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li waqt stagun maghluq ghall-kacca u l-insib tal-ghasafar, partikolarment fis-7 t' Awwissu tas-sena 2020, waqt spezzjoni mill-ufficjali tal-pulizija rrizulta li l-imputat kien gewwa l-blata ta' Qalet Marku, vicin it-Torri ta' San Mark. L-ufficjali tal-pulizija jixhdu li hekk kif huma wasslu fil-vicinanzi setghu jisimghu b'mod kontinwu ghajjat ta' ghasafar bil-birdcaller. Innutaw ukoll li l-qua imputat kien go dura (maghmula gol-blat) b'senter hdejh, numru ta' skratac go pouch u b'barzaka blu kontenenti oggetti personali nkluz tromba. Fl-istess dura taht gebla (tatti bokka ta' katusa), li kien bilqeghda fuqha l-qua imputat, instabet remote control hadra. Hekk kif din ingabret fil-prezenza tal-imputat u l-pulizija ghafsu 'play' beda jdoqq il-bird caller li kien ftit metri 'l boghod mid-dura. Il-pulizija gharfu li dawn il-hsejjes kienu identifici ghall-hsejjes tal-birdcaller li huma setghu jisimghu hekk kif wasslu fuq il-post. L-imputat minn jeddu ghazel li jixhed u nnega li fid-data u l-hin tal-imputazzjoni huwa kien fil-post indikat fic-citazzjoni galadarba dakinhar huwa kien xoghol. Jghid li l-pulizija ma setghu qatt ikellmuh qabel is-sebgha ta' filghaxija. Jghid ukoll li dakinhar huwa kien hemm ghall-kacca tal-fenek u li l-pulizija lilu ma kienu sabulu xejn. Iktar tard fix-xhieda tieghu jikkonferma li l-pulizija sabu bird caller izda dan ma kienx tieghu izda assuma li kien ta' persuna ohra li kienet fil-vicinanzi hekk kif wasslu l-pulizija fuq il-post, liema persuna kienet akkumpanjata minn tifel u li twaqqfet u giet mitkellma mill-pulizija (izda ma nstab xejn irregolari fuqu, l-iktar important, ma nstabx fil-pussess ta' senter hekk kif instab il-qua imputat). Bhala xhud in difesa telgha jixhed Stehpen Ciangura sabiex jikkonferma li fis-7 t'Awwissu 2020 fl-16.20hrs l-imputat kien xoghol. Ciangura kkonferma dan fl-affermattiv u kkonferma li addirittura kellu rekord ta' dan kollu. Gie mitlub jipprezenta record ta' dan kollu u l-kontro-ezami gie sospiz ghal dan l-ghan. Madanakollu fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2022 l-Qorti giet infurmata li x-xhud ma setghax isib ir-rekords li xehed dwarhom precedentament u minflok telgha jixhed l-imputat li prezenta notament tieghu dwar meta kien ikun xoghol.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet miguba kontra l-imputat jibda biex jinghad li l-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta ma tirrizultax ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi galadarba l-licenzja tal-qua imputat ma giet qatt ezebieta u lanqas ma tressqet l-ebda prova dwar il-kundizzjonijiet fl-istess licenzja.

Illi madanakollu mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta car li l-qua imputat kien ghall-kacca ghall-ghasafar waqt stagun maghluq ghall-kacca u dana ghaliex instab li kien fil-pussess ta' senter flimkien ma bird caller li l-pulizija semghu li kien attiv meta wasslu fuq il-post. Jinghad li fix-xhieda tieghu l-qua imputat ma kien kredibbli xejn u wisq inqas kien kredibbli x-xhud imressaq mid-difiza sabiex jispjega li dakinhar fil-hin tal-imputazzjoni l-imputat kien ghax-xoghol. Dan ix-xhud tant ma kienx kredibbli li telgha jixhed u meta mitlub id-dokumentazzjoni in sostenn tal-istess xhieda (mghotija principalment fuq domandi diretti) gie ddikjarat li ma kellu l-ebda dokumentazzjoni x'jipprezenta. Dina l-Qorti hija konvinta li fil-hin indikat fl-imputazzjonijiet l-imputat kien prezenti fuq il-post indikat fic-citazzjoni ghall-kacca hekk kif xehdu l-ufficjali tal-pulizija. Fl-affidavits taghhom il-pulizija spjegaw b'mod dettaljat mhux biss il-hin li wasslu fuq il-post izda anke dak li kien qed jigri matul it-trapass ta' hin sakemm huma wasslu biex jitilqu minn fuq il-post. Din il-Qorti hija ukoll konvinta mill-provi mressqa li l-bird caller in kwistjoni ma kien tal-ebda persuna ohra ghajr l-imputat innifsu. Dan tant hu hekk li r-remote ghall-istess mhux biss instab fid-dura li fiha kien l-imputat izda adirittura nstab mohbi taht blata li l-imputat stess kien bilqieghda fuqha. Dan juri li l-imputat biss kellu l-kontroll ta' dak il-bird caller. Fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li huwa kien mar iktar tard u li kien hemm ghall-kacca tal-fenek. Dina l-Qorti lanqas ma ssib din il-verzjoni kredibbli galadarba l-imputat instab fil-pussess ta' remote ghall-bird caller hekk kif fuq inghad filwaqt li l-bird caller instab fil-vicinanzi tal-istess imputat u cioe' ftit metri 'l boghod minnhom. Ghal dawn ir-ragunijiet l-imputat ser jinsab hati tat-tieni, t-tielet, u r-raba imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

Illi ghal dak li jirrigwarda r-recidiva jinghad li l-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward ressqet biss bhala prova l-fedina penali tal-imputat. Ma tressqitx prova kkonfermata bil-gurament ta' sentenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali u prova ta' meta giet skontata l-piena mghotija.

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti ser tqis in-natura u c-cirkostanzi tal-imputazzjonijiet li taghhom ser jinsab hati, il-fedina penali tal-imputat li turi li l-imputat instab hati diversi drabi in konnessjoni ma kacca u nsib illegali u l-komportament tal-imputat waqt l-investigazzjoni fejn mix-xhieda tal-pulizija jirrizulta kjarament li huwa fl-ebda hin ma kkopera maghhom.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 7(1)(d), 7(2) 12(1) u 17 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel u l-hames imputazzjoni filwaqt li qed issibu hati tat-tieni, t-tielet, u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' Eur. 2,500 li ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali

tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti inkluz l-oggetti li gewipprezentati formalment mill-prosekuzzjoni permezz tal-ircevuta EM5 fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2022.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' erba' snin millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur